MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 957/2009

**Central Mediterranean Development Corporation Limited (C-453)**
**Vs**
**Ivan Attard (K.I. 373171M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' mitejn u disgha ewro u erbgha u sittin centezmu (€209.64) rapprezentanti pagament ta' sub-cens mill-10 ta' Jannar, 2004 sad-9 ta' Jannar, 2010 li jfissru sitt skadenzi. Illi l-konvenut gie anke intterpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Jannar, 2009 izda baqa' inadempjenti.

Illi din is-somma hija dovuta permezz ta'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joe Cilia datat 19 ta' Gunju, 1991, fejn il-konvenut akkwista minghand terzi is-subenfitewsi ta'plot numru 28 tal-artijiet 'Ta' Ghajn Blat' fil-kuntrada ta'Ghar Dalam, limiti ta' San Gorg, Birzebbuga soggetta ghal sub-cens annwu

ta’ erbgha u tlettin ewro u erbgha u disghin centezmu (€34.94) pagabbli lis-socjeta’attrici.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara illi l-konvenut huwa moruz fil-pagamaent tas-sub-cens ghal sitt skadenzi u ghalhekk jordna l-likwidazzjoni u hlas tal-*canone* ghall-ammont komplessiv ta’ €209.64.

Bl-ispejjez imghax legali inkluzi dawk tal-ittra uffcjali tat-13 ta’ Jannar, 2009.
Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fit-22 ta’ Gunju, 2010 mill-Avukat Dr.Anna Mifsud Bonnici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------